# Għeżież Nisa li se ssiru Ommijiet

Nilqagħkom għas-seba' edizzjoni tal-magażin "You're Pregnant". L-istaff ta' Special Delivery, The Maternity Shop, ta kas tal-kummenti tagħkom, fosthom li xtaqtu taqraw l-artikli bil-Malti. Fil-fatt għall-ewwel darba qed inwasslulkom traduzzjoni ta' l-artikli ewlenin għall-Malti. Dawn jistgħu jinkisbu mingħand il-midwives tal-Parentcraft Services, mingħandna fil-ħanut Special Delivery jew mis-sit www.specialdeliveryshop.com.

Il-paġni tan-nofs tistgħu taqilgħuhom mingħajr ma tħassru l-magażin, billi intom għidtulna li tixtiequ żżommu l-magażin intatt bħala tifkira ta' dan iż-żmien speċjali f'ħajjitkom. Fuq in-naħa ta' wara ssibu applikazzjoni għas-servizzi tal-parentcraft fejn intom qed tintalbu wkoll biex tgħaddu l-kummenti tagħkom. Aħna n-nisa Maltin u Għawdxin għandna x-xorti li ngħixu f'pajjiż fejn il-midwives huma mħarrġa biex ikunu professjonali ħafna u jieħdu ħsieb l-ommijiet b'għożża u b'attitudni prattika u pożittiva. Għalhekk aħtfu l-opportunita` biex tikkomunikaw magħhom saħansitra qabel ma tibdew tmorru għal-lezzjonijiet.

Fil-parti l-oħra tal-paġni tan-nofs intom qegħdin tintalbu biex tagħtu l-kummenti tagħkom dwar is-servizzi li noffru fi Special Delivery, The Maternity Shop. Fl-istess ħin qed tingħataw voucher li jissarraf fi ħwejjeġ tat-tqala. Nistednukom biex tidħlu fil-websajt tagħna www.specialdeliveryshop.com, fejn ukoll tistgħu tgħaddu l-kummenti tagħkom.

Il-management u l-istaff ta' Special Delivery huma konxji ħafna ta' l-importanza li wieħed jieħu ħsieb il-klijenti tiegħu sewwa. Aħna nitrattaw lill-klijenti tagħna bl-istess mod li aħna stess nixtiequ li nkunu trattati bħala konsumaturi. Fost is-servizzi li noffru, billi l-ħwejjeġ tagħna huma ta' l-aħħar moda u magħmula minn materjal ta' l-aqwa kwalità, aħna nirranġawlek il-ħwejjeġ bla ħlas wara li titwieled it-tarbija biex inti tkun tista' tibqa' tilbishom. Jekk ikollok bżonn tirranġa l-ħwejjeġ meta tixtrihom stess, aħna nirranġawhomlok b'xejn ukoll.

Fil-ħanut tagħna jista' jitteħidlek il-qies tal-bra b'mod professjonali u mingħajr ħlas biex inti tkun tista' tixtri żewġ bras tad-ditta Royce fl-ewwel ġimgħat tat-tqala tiegħek, b'garanzija li dawn il-bras se jibqgħu jiġuk matul it-tqala kollha u meta tkun qed tredda' lit-tarbija (ara r-reklam f'paġna 15). Din hija idea tajba ħafna biex tiffranka l-flus u jaqblu magħha l-midwives.

Għand Special Delivery, The Maternity Shop se ssibu dak kollu li tinħtieġu matul it-tqala – minn ħwejjeġ tal-maternita` ta' l-aħħar moda sa l-affarijiet li tridu tieħdu magħkom l-isptar u affarijiet li jkollha bżonn it-tarbija. Ħarsa lejn l-aħħar paġna ta' dan il-magażin turikom li talli tixtru mingħandna, aħna nittimbrawlkom loyalty card li tissarraf f'gift voucher ta' Lm25 (58.24 Ewro). Inħalli f'idejkom biex tagħżlu fiex tridu tonfquhom!
Il-ħanut tagħna jkun miftuħ mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.00a.m. sas-1.00p.m. u mill-4.00p.m. sas-7.00p.m. Nistgħu naqdukom ukoll bejn is-1.00p.m. u t-3.00p.m., basta tagħmlu appuntament billi ċċemplu fuq 21484075. Minn nofs Settembru 2007, nhar ta' Tnejn se nibdew niftħu l-ġurnata kollha.

Grazzi talli ġejt tixtri mingħand Special Delivery, The Maternity Shop. Nittama li tieħdu gost taqraw l-edizzjoni l-ġdida tal-magażin "You're Pregnant".

# Dear Mum to be

Welcome to the 7th edition of "You're Pregnant" magazine. The staff at Special Delivery, The Maternity Shop, has taken note of your feed back; for example, this is the first time that we are producing a translation of the main articles into Maltese. These can be obtained from the midwives at Parent Craft services or from us at Special Delivery or online at www.specialdeliveryshop.com

The centre pages can be pulled out without damaging the magazine since you told us that you like to keep the magazine intact as a souvenir of this special time of your life. There is an application form from parent craft services with a request for your feedback on the reverse side. We Maltese and Gozitan women are very fortunate to live in a country where midwives are trained to a high professional standard and care about the mothers they look after with a positive, practical and warm attitude, so please do take advantage of this opportunity to communicate with them even before you start your classes.

The other part of the pullout is a request for your feed back about our services at Special Delivery, The Maternity Shop and it includes a gift voucher for you to spend on maternity outer wear, early in your pregnancy. We invite you to visit our website from where you can also give feed back www.specialdeliveryshop.com

The management and staff at Special Delivery are very alert to the value of customer care. We treat our clients the way we would want to be treated as consumers. For instance, since our maternity wear is "up to date fashion" made of top quality fabrics, we alter maternity wear free of charge after your baby is born so that you can keep wearing it. Alterations at the point of sale are also free of charge.

We provide a free professional bra fitting service so that you can buy 2 Royce bras early in your pregnancy with a guarantee that the same bras will fit you all through the pregnancy and for breastfeeding (see advert on page 15). This is a great money saving idea which is supported by midwives.

Special Delivery, The Maternity Shop has everything from the most up to date fashions in maternity wear to all items on the hospital list and also baby's needs. Take a look at the last page of this magazine and you will see that we reward you for your custom by stamping a loyalty card which you will redeem for a gift voucher of Lm25 (€58.24). You choose what to spend it on!

Our opening hours are Monday to Saturday from 9am – 1pm and also from 4pm – 7pm, however, we are available during the afternoons, between 1pm – 3pm as long as you make an appointment by calling us on 21 484 075. Starting from mid September 2007, we will however, be open all day on Mondays.

Thank you for shopping at Special Delivery, The Maternity Shop. I hope that you will enjoy the new edition of the "You're pregnant" magazine.

Jenny

**Jenny Adams B.Psy(Hons.) Special Delivery Ltd.**